KUNSILL LOKALI | BORMLA *Citta' Cospicua* | LOCAL COUNCIL

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla

## Id-disa' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 22/2025

**Laqgħa Numru 22**

23 ta' Settembru, 2025

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, Tlieta, 23 ta' Settembru 2025 fl-5:00 ta' filghaxija.

**PREŻENTI:**

Marco Agius - Sindku
Noyah Spiteri Hammett - Viċi Sindku
Martin Vella - Kunsillier
Rita Gatt - Kunsilliera
Glauber Spiteri - Kunsillier

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
NIL

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Crystal Degabriele –Segretarju Eżekuttiv

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1212, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

**Minuti**

Is-Sindku Marco Agius ippresjeda din is-seduta Nru 21 għad-disa' leġislatura

| | |
|---|---|
| **22.01** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji** |
| **22.01.01** | NIL |
| **22.02** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti** |
| 22.02.01 | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet il-minuti tas-seduta numru 21/2025 għad-disa' leġislatura permezz ta' email lis-Sindku, Viċi Sindku u lill-Kunsilliera kollha.<br><br>Approvazzjoni tal-Minuti:<br><br>Il-kunsillier Glauber Spiteri approva l-minuti tas-seduta numru 21/2025, u l-kunsilliera Rita Gatt issekondat. |
| **22.03.** | **Korrispondenza** |
| 22.03.01 | Is-Segretarju Eżekuttiv fetħet is-seduta billi għaddiet il-minuti tas-seduta numru 21. Kompliet billi informat li l-Viċi Sindku se tkun qed titardja minħabba affarijiet personali. |
| 22.03.02 | Is-Sindku kompla s-seduta billi informa lill-Kunsilliera li, permezz ta' komunikazzjoni bl-imejl, il-Kunsilliera qablu dwar il-pubblikazzjoni tal-festa.<br>Il-ftehim kien li l-Kunsill jagħmel paġna sħiħa bil-kulur fil-pubblikazzjoni.<br>Il-Kunsilliera preżenti ikkonfermaw l-approvazzjoni tagħhom għal din id-deċiżjoni. |
| 22.03.03 | Is-sindku qara email datata 15 ta' Settembru mibgħuta minn Sur Mario Fava, President tal-Assoċjazzjoni AKL, li tikkonferma inizjattiva maħsuba |

| | |
|---|---|
| | biex ir-residenti jkollhom l-opportunità jġeddu l-karta tal-identità tagħhom direttament fil-Kunsill Lokali.<br><br>Intqal li żewġ uffiċjali minn Identità Malta se jmorru fil-Kunsill biex jieħdu r-ritratti u jilqgħu l-applikazzjonijiet.<br>Qabel id-data stabbilita, se ssir żjara fuq il-post u se jitqassmu l-applikazzjonijiet sabiex ir-residenti jkunu jistgħu jimlewhom minn qabel.<br><br>Dan is-servizz fil-Kunsill hu biss għat-tiġdid tal-karti tal-identità, u mhux għal bidliet oħra bħall-indirizz jew status personali.<br><br>Il-Kunsilliera qablu ma' din l-inizjattiva u suggerew li tintuża l-boardroom tal-Kunsill bħala spazju adattat biex isir dan is-servizz b'mod komdu u professjonali. |
| 22.03.04 | Email mingħand is-Sur Steve Gauci, resident fi Triq Mons. Ludovic Mifsud Tommasi, li fiha talab li jixtri fanal ġdid u li l-Kunsill jagħmel applikazzjoni għal servizz tad-dawl ġdid ma' Enemalta.<br><br>Il-Kunsilliera qablu ma' din it-talba u approvaw li l-Kunsill jipproċedi bl-applikazzjoni meħtieġa ma' Enemalta. |
| 22.03.05 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li, fuq talba tas-Sur Martin Vella, sar kuntatt ma' Transport Malta (TM) biex jitneħħa s-sinjal ta' "Stop" qabel id-daħla ta' Triq San Pawl.<br><br>It-talba ġiet mibgħuta lil Transport Malta, iżda l-perita Audrey Demicoli ikkonfermat li s-sinjal jinsab kif suppost. |

| | |
|---|---|
| | Għaldaqstant, is-Sindku qal li se jkun qiegħed jikkonsulta mal-perit tal-Kunsill sabiex jiġi vverifikat jekk is-sitwazzjoni hijiex eżatt kif indikat minn Transport Malta.<br><br>Is-Sindku kompla jgħid li hemm bżonn li jitwaħħal sinjal ta' "One Way" fi Triq San Piju X, minħabba li ġew irrappurtati diversi każijiet fejn karozzi qed jitilgħu minn din it-triq u jaqsmu lejn l-Isla, li jista' jwassal għal xi inċident. |
| 22.03.06 | Email mingħand is-Sur Ryan Ellul, li fiha talab permess sabiex iqiegħed sinjali quddiem il-ferry f'Bormla, fejn huwa joffri servizzi ta' excursions. Is-Sur Ellul ippreżenta wkoll ritratti tas-sinjali proposti.<br><br>Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għal din it-talba, iżda insista li s-Sur Ellul għandu jikseb il-permess meħtieġ mingħand il-Public Works Department qabel ma jitpoġġew is-sinjali. |
| 22.03.07 | Residenta Haila Attard fi Triq Rikardu Taylor staqsiet jekk hux possibli li jitkomplew il- U channels fit-triq, peress li għada tagħmel il-faċata tad-dar u matul il-ħinijiet tal-iskola diversi minivans u karozzi jipparkjaw fuq il-bankina, li jikkawża ħsarat.<br>Il-Kunsilliera preżenti qablu sabiex jixtara iktar ħadid sabiex jinħadmu iktar U channels. |
| 22.03.08 | Il-Kunsill irċieva email mingħand Jacob Grech, Sales Representative ta' Invest 3D Limited, fejn qed jipproponew li jiġu installati sinjali bil-Braille (kliem mqabbez) f'postijiet pubbliċi bħall-toilets, bus stops u faċilitajiet ta' rikreazzjoni, sabiex dawn isiru aktar aċċessibbli għal persuni b'diffikultajiet fil-vista. Is-Sur Grech indika li proġett simili li sar mal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żabbar irriżulta pożittiv. |

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1212, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

| | |
|---|---|
| | Il-Kunsilliera preżenti staqsew jekk dawn is-sinjali humiex ta' spiża. Il-Kunsillier Martin Vella staqsa jekk hux possibli li t-tabelli li jinsabu ħdejn il-knejjes hekk kif kien miftiehem qabel jiġu aġġornati biex jinkludu kemm il-Malti kif ukoll l-Ingliż u jkunu disponibbli bil-Braille. Il-kunsilliera preżenti qablu li jinġabru il-kwotazzjonijiet. |
| 22.03.09 | Il-Kunsill irċieva email mingħand Christian Coulee, resident ħdejn Date Art Café, fejn esprima tħassib tiegħu dwar il-livell għoli ta' mużika u l-attivitajiet organizzati mill-kafetterija fil-pjazza pubblika quddiem il-propjetà tiegħu. Is-Sur Coulee spjega li għamel diversi ilmenti iżda l-permessi għal-attivitajiet għadhom jingħataw, u sostna li s-sitwazzjoni qed taffettwa ħajja privata, kif ukoll is-saħħa fiżika u mentali tal-familja tiegħu. Huwa talab li jitwaqqaf l-użu ta' amplifier, li l-attivitajiet jingħataw permess mingħajr amplifier, u li l-attivitajiet ikunu limitati għal mhux iktar minn darbtejn fil-ġimgħa. Huwa provda evidenza permess ta' videos.<br><br>Is-Sindku spjega li tkellem mal-AUM u kkonferma li min-naħa tiegħu mhux ser jingħataw permessi bla kunsiderazzjoni u li qabel jingħataw permessi għal xi attivitajiet fl-ispazju pubbliku, AUM għandu jkun infurmat. Il-Kunsillier Martin Vella suggerixa li għandna nitolbu kopja tal-permessi li għandu Date Art Café, bħal permess biex isajjar barra, għal mwejjed barra, u permess għall-użu tat-taraġ, u talab li tiġi vverifikata ta min hi proprjetà l-ispazju pubbliku. Huwa enfasizza li s-sitwazzjoni għandha tiġi segwita u li Christian Coulee esprima li hu lest biex jieħu ħsieb it-tindif tat-tarġa.<br>Il-Kunsill se jivverifika l-permessi attwali li għandu Date Art Café qabel ma jkompli jagħti permessi ġodda u se jsegwi biex jiġi żgurat li l-attivitajiet pubbliċi ma jaffettwawx is-sigurtà, is-saħħa u l-kwiet tal-residenti fil-viċin. |

| | |
|---|---|
| 22.03.10 | Is-Sindku stieden lil Kunsillier Glauber Spiteri sabiex jagħti konklużjonijiet rigward is-Short Play Festival. Kunsillier Spiteri ikkonferma li se jittellgħu 8 plays, fejn 6 minnhom huma kompetittivi u 2 oħra huma mistednin. Huwa spjega li se jiġi ppreparat plan B minħabba temp; f'każ ta' xita, l-attivitajiet se jsiru fl-AUM kif ukoll fil-każin tal-banda.<br><br>Huwa indika li r-rehearsals qegħdin jimxu sewwa u li r-residenti qegħdin jikkoperaw. Kunsillier Spiteri sostna li l-Awards Night se ssir nhadd, 28 ta' Settembru, u f'każ ta' xita ser issir ġewwa. |
| 22.03.11 | Is-Sindku qajjem il-punt biex jara jekk il-Kunsilliera jaqblux li tintbagħat ittra lir-residenti biex tinforma dwar il-procedura tal-bulky refuse, inkluż limiti fuq kemm oggetti jistgħu jiġu rrappurtati (massimu ta' 3 darbiet fix-xahar) u meta jistgħu jirrapurtaw.<br><br>Il-Kunsilliera ma qablux li tintbagħat ittra lir-residenti. Madankollu, qablu li wasal iż-żmien biex jinħolqu videos informattivi li jitpoġġew fuq il-paġna uffiċjali tal-Facebook tal-Kunsill, sabiex jiġu spjegati b'mod ċar il-limiti u l-proċedura korretta. |
| **22.04** | **Kommunikazzjoni mis-sindku** |
| 22.04.01 | Is-Sindku beda l-komunikazzjonijiet tieghu billi talab f'isem residenti biex jiġi kkunsiderat Blue Bay Parking Open fi Triq Santa Margerita. Il-Kunsilliera qablu li qabel tittieħed deċiżjoni finali, l-ewwel għandu jiġi evalwat jekk xi parkeggi tad-dizabilità ser jitneħħew. |
| 22.04.02 | Is s-Sindku talab li jiġu installati kameras qabel titħol u kif toħrog mill-mina ta' Għajn Dwieli. Dan ġie propost minħabba l-proġett li ser jsir, u l- |

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1212, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

| | |
|---|---|
| | installazzjoni tal-kameras se tippermetti li kwalunkwe ħsara jew atti ta' vandalizmu jiġu osservati.<br>Il-Kunsilliera preżenti qablu mal-proposta. |
| 22.04.03 | Is-Sindku infurma lill-Kunsilliera li se jsir trenching qabel il-mina ta' Santa Liena kif ukoll fit-triq oratorju u staqsa dwar it-tip ta' kundizzjonijiet li jistgħu jiġu stabbiliti.<br><br>Il-Kunsilliera preżenti qablu, bil-kundizzjoni li jkun ċar li t-tarmac li se jintuża jkun hot tarmac u mhux cold tarmac.<br><br>Barra minn hekk, fir-rigward ta' Triq l-Oratorju, nistgħu nikkuntattjawh sabiex nipprovdulu ż-żonqor u ibiddel il-kurduna.<br><br>Il-Viċi Sindku Noyah Spiteri Hammet daħlet fis-seduta tal-Kunsill. |
| 22.04.04 | Is-Sindku infurma lill-Kunsilliera li resident li joqgħod fi Pjazzetta ta' Matty Grima talab li t-tabella tal-loading/unloading li bħalissa hija għal 15-il minuta tiġi estiża għal 90 minuta. Resident talab ukoll li jkun jista' jipparkja scooter quddiem id-dar tiegħu.<br><br>Il-Kunsill kien diġà approva li l-loading/unloading jibqa' għal 15-il minuta. Il-Kunsillier Martin Vella tkellem bhala Kunsillier u mhux bhala resident, u spjega li biex jiġi stabbilit parking ta' 90 minuta, il-pjazza tkun mimlija l-ħin kollu, li mhuwiex prattiku. Rigward il-muturi, Kunsillier Vella suggera li l-ewwel parking li hemm qabel tinżel il-pjazza jsir għal muturi, u li jistgħu jiġu installati strutturi fejn il-muturi jistgħu jorbtu b'mod sigur.<br><br>Il-kunsilliera qablu rigward il-parkeġġ tal-muturi. |

| | |
|---|---|
| | Is-Segretarju Eżekuttiv ser tikkonferma eżattament x'kienet id-deċiżjoni tal-Kunsill. |
| 22.04.06 | Il-Kunsill ġie infurmat li se japplika biex napplikaw għal card tal-BOV li tippermetti d-depożitu ta' ċekks fuq procedura ġdida introdotta mill-bank. Ġie spjegat li din il-card ma tippermettix il-ħruġ ta' flus kontanti; se tintuża biss għall-depożitu ta' ċekks.<br><br>Il-Kunsilliera preżenti qablu. |
| **22.05** | **Twegibiet ghall-mistoqsiiet mil- kunsilliera** |
| 22.05.01 | Il-Kunsillier Martin Vella diskuta dwar il-papri li jinsabu fil-bacir. Huwa spjega li hu mhuwiex kontra l-annimali, iżda qal li l-papri jħallu ħafna ħmieġ u jeħtieġ attenzjoni.<br><br>Il-Kunsilliera preżenti qablu li għandha niġbdu l-attenzjoni lil Public Works sabiex ikun hemm persuna responsabbli biex tnaddaf l-bacir kuljum, sabiex tiġi żgurata ambjent nadif u sigur għall-komunità. |
| 22.05.02 | Il-Kunsillier Martin Vella tkellem dwar ilmenti relatati mal-bulky refuse. Huwa spjega li l-karta tal-bulky refuse, hekk kif tingħata lura, tiġi moqrija mill-Contract Manager, li jiċċekkja li r-residenti li ma ngabrux il-bulky refuse jkunu infurmati. Il-Kunsill ser jibqa' jsegwi l-proċedura biex jiġi żgurat li kull bulky refuse li ma ngabrux jiġi rreġistrat u r-residenti jkunu infurmati b'mod effettiv. |

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1212, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

| | |
|---|---|
| | Segretarju Eżekkutiv ser tkun qed tkellem lil contract manager sabiex tiġbidlu l-attenzjoni. |
| 22.05.03 | Il-Kunsillier Martin Vella staqsa għaliex TM ma tawx zebra crossing quddiem il-Każin tal-Banda, b'riferenza għal postijiet oħra b'sitwazzjoni simili fejn hemm pedestrian priority.<br><br>Is-Sindku spjega li ser tkellem mal-perit u li talab li jkun hemm zebra crossing għall-pedestrians, flimkien ma' sinjali relevanti, kemm jista' jkun malajr. Huwa żied li ser jerġa' jikkuntattja lill-perit biex jipprova jiġi stabbilit zebra crossing fil-post. |
| 22.05.04 | Il-Kunsillier Glauber Spiteri staqsa jekk fil-mina bejn Bormla u Fgura se jkunu installati bollards fin-nofs.<br><br>Is-Sindku esprima dispjaċir li, bhala Sindku, ma jistax jagħti informazzjoni ċerta fil-mument. Madankollu, huwa ikkonferma li suppost se jkun hemm bollards. |
| 22.05.07 | Il-Kunsillier Glauber Spiteri staqsa jekk hemmx xi aġġornament rigward il-parkeġġ ta' quddiem l-iskola.<br><br>Is-Sindku ikkonferma li talab laqgħa ma' Sur Steve Ellul sabiex jingħata aktar informazzjoni dwar is-sitwazzjoni. Huwa żied li se jsir ftehim biex jiġi stabbilit numru ta' parkeggi riservati għar-residenti ta' Bormla. |
| 22.05.08 | Il-Kunsillier Glauber Spiteri staqsa dwar il-proġett Masgar Bormla u ried jara x'progress sar. Is-sindku wieġeb li għadna nistennew risposta mingħand Project Green. |

| | |
|---|---|
| 22.05.09 | Il-Kunsillier Glauber Spiteri staqsa rigward il-proġett ta' San Ġwann T'għuxa u meta se jkompli.<br>Is-sindku wieġeb li ilu jiġri warajh, iżda kuntrattur kien impenjat fuq xogħol ieħor. Qal li qed jiġri warajh kull ġimgħa u hekk kif ikollu xi tip ta' risposta se jinforma l-Kunsilliera. |
| 22.05.10 | Il-Kunsilliera Rita Gatt staqsiet jekk possibbli li jitnaddfu l-ispralljiet qabel tibda xita.<br>Is-sindku wieġeb li se jingabru kwotazzjonijiet biex jitnaddfu. |
| 22.05.11 | Il-Kunsillier Glauber Spiteri staqsa fiex waslet il-kamera ta' Pjazza Nattività.<br>Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li se tiċċekkja rigward din il-kamera għax bħalissa m'għandix aċċess għaliha. |
| **22.05** | **Approvazzjoni ta'skedi ta' hlasijiet** |
| 22.05.01 | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet email bl-iskeda numru 9 għad-9 leġislatura u l-petty cash ta' Awissu 2025.<br><br>Il-Kunsilliera Rita Gatt approvat  l-iskeda numru 9 għad-9 leġislatura, waqt li l-Kunsillier Glauber Spiteri issekonda.<br><br>Kif ukoll, l-vici Sindku Noyah Spiteri Hammet approvat l-petty cash ta' Lulju, waqt li l-kunsilliera Rita Gatt isskondat. |
| **22.06** | **Mozzjonijiet** |
| 22.06.01 | Għeżiż Kunsilliera,<br><br>Nixtieq inressaq għall-kunsiderazzjoni tagħkom il-proposta sabiex jitella' l-**Halloween Festival** għat-tielet sena konsekuttiva, wara s-suċċess kbir miksub is-sena l-oħra.<br><br>L-attività hija ppjanata għal nhar il-**Ġimgħa, 31 ta' Ottubru**, fl-inħawi ta' **Triq San Ġwann**. L-ispiża mistennija ma taqbiżx is-**€3,000**. Biex ma |

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1212, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

| | |
|---|---|
| | nidħlux fi spejjeż żejda, il-midja u l-materjal promozzjonali ser nerġa' naħdmu jien mill-ġdid din is-sena.<br><br>Nemmen li dan l-avveniment mhux biss iġib ħajja u divertiment fil-lokalità, iżda jsaħħaħ ukoll is-sens ta' komunità fost ir-residenti. Għalhekk, nappreżza jekk il-Kunsill jistudja u japprova din it-talba sabiex il-festival ikun jista' jsir b'suċċess bħal fis-snin ta' qabel.<br><br>Ninsab lest  nipprovdi iktar dettalji jekk ikun meħtieġ.<br><br>Nirringrazzjakom bil-quddiem tal-kunsiderazzjoni tagħkom.<br><br>Glauber<br><br><br>Proponent: Glauber Spiteri<br><br>Sekondant: Rita Gatt<br><br>Il-kunsilliera qablu ma din il-mozzjoni. |
| **22.7** | **Aġġornament tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |
| 22.07.01 | Is-Seduta ġiet mtemmija fis-19:15 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għat Tlieta 21 ta' Ottubru 5:00 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum ________________

______________ ______________________

**Marco Agius**
Sindku

**Crystal Degabriele**
Segretarju Eżekuttiv